Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/985

tat-12 ta' Frar 2018

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-unità tal-propulsjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-magni tagħhom u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/96

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 182, 18.7.2018, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1564 tas-6 ta' Awwissu 2020	L 358	1	28.10.2020

▼B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/985

tat-12 ta' Frar 2018

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-unità tal-propulsjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-magni tagħhom u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/96

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi

(a) ir-rekwiżiti tekniċi dettaljati, dwar il-prestazzjoni ambjentali u tal-unità ta' propulsjoni u l-livelli permissibbli tal-ħoss estern għall-approvazzjoni ta':

(i) vetturi għall-agrikoltura u l-forestrija,

(ii) magni fir-rigward tal-installazzjoni tagħhom u l-impatt li din ikollha fuq il-prestazzjoni tal-magna,

(iii) is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom; u

(b) il-proċeduri tat-test meħtieġa għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-punt (a).

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti dettaljati fir-rigward tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità tal-produzzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "magna" tfisser konvertitur tal-enerġija, għajr turbina tal-gass, iddisinjat biex jibdel l-enerġija kimika (input) fl-enerġija mekkanika (output) bi proċess ta' kombustjoni interna; tinkludi, meta jkunu ġew installati, is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet u l-interfaċċja tal-komunikazzjoni (hardware u messaġġi) bejn l-unità elettronika/unitajiet elettroniċi ta' kontroll tal-magna u kwalunkwe sistema oħra tal-motopropulsjoni jew unità oħra għall-kontroll tal-vettura li tkun meħtieġa għall-konformità mal-Kapitoli II u III tar-Regolament (UE) 2016/1628;

▼B

(2) “tip ta' magna” tfisser grupp ta' magni li ma jkunux differenti fil-karatteristiċi essenzjali tal-magna;

(3) “familja ta' magni” tfisser grupp ta' tipi ta' magni ta' fabbrikant li, minħabba d-disinn tagħhom, ikollhom karatteristiċi simili fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost, u li jirrispettaw il-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet applikabbli;

(4) “magna referenzjarja” tfisser tip ta' magna magħżula minn familja ta' magni b'tali mod li l-karatteristiċi tal-emissjonijiet tagħha jkunu rappreżentattivi ta' dik il-familja ta' magni;

(5) “magna ta' sostituzzjoni” tfisser magna li tissodisfa ż-żewġ kriterji li ġejjin:

(a) tintuża esklużivament biex tissostitwixxi magna li diġà tqiegħdet fis-suq u li ġiet installata fuq vettura agrikola u forestali;

(b) tkun konformi ma' stadju tal-emissjonijiet li huwa aktar baxx minn dak applikabbli fid-data tas-sostituzzjoni tal-magna;

(6) “potenza netta” tfisser il-potenza tal-magna f'kW miksuba fuq bank tat-testijiet fit-tarf tal-krankxaft, jew l-ekwivalenti tiegħu, imkejla f'konformità mal-metodu li jintuża għall-kejl tal-potenza tal-magni interna kif speċifikat fir-Regolament tan-NU/KEE Nru 120 [1] bl-użu ta' fjuwil referenzjarju jew taħlita ta' fjuwils kif speċifikat fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2016/1628;

(7) “magna ta' tranżizzjoni” tfisser magna li jkollha data tal-produzzjoni tal-magna li tkun qabel id-data stabbilita fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' magni ta' Stadju V u li tissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun konformi mal-aħħar limiti tal-emissjonijiet applikabbli definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli fl-20 ta' Lulju 2018;

(b) taqa' f'medda ta' potenza, jew tintuża jew maħsuba biex tintuża f'applikazzjoni li ma kinitx soġġetta għal approvazzjoni tat-tip relatata mal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/96 fl-20 ta' Lulju 2018;

(c) Hija magna fil-medda tal-potenza 56–130 kW, li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Istadju IIIB u installata jew maħsuba biex tiġi installata fi trattur tal-kategoriji T2, T4.1 jew C2;

[1] Ir-Regolament Nru 120 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-magni b'kombustjoni interna li għandhom jiġu installati fi tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u f'makkinarju mobbli mhux tat-triq, fir-rigward tal-kejl tal-potenza netta, it-torque nett u l-konsum speċifiku tal-fjuwil [2015/1000] (ĠU L 166, 30.6.2015, p. 170)

▼B

(8) “sistema ta' posttrattament tal-egżost” tfisser katalizzatur, filtru tal-partikoli, sistema deNOx, sistema kkombinata ta' filtru tal-partikoli deNOx jew kwalunkwe mezz ieħor li jnaqqas l-emissjonijiet, bl-eċċezzjoni tar-riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost u t-turboċarġers, li huwa parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, iżda li jiġi installat 'l isfel mill-iżbokki tal-egżost tal-magna;

(9) “apparat għat-tnaqqis tal-ħoss estern” tfisser il-komponenti, is-sistema jew l-unità teknika separata li huma parti mill-egżost u s-sistema tas-silenzjatur, inkluż is-sistema tal-egżost, is-sistema tad-dħul tal-arja, is-silenzjatur jew kwalunkwe sistema, komponent jew unità teknika separata b'rilevanza għal-livelli permissibbli tal-ħoss estern li tipproduċi vettura agrikola jew forestali, ta' tip imwaħħal mal-vettura fil-waqt tal-approvazzjoni tat-tip jew tal-estensjoni tal-approvazzjoni-tat-tip;

(10) “magna SI” tfisser magna li taħdem fuq il-prinċipju tqabbid bl-ispark (“SI”);

(11) “ċinga forma ta' ċinturin” tfisser ċinga flessibbli kontinwa, magħmula minn materjal bħal-lastku, rinfurzata internament biex tippermetti l-forzi trattivi;

(12) “ċinga forma ta' katina” tfisser katina metallika kontinwa li taqbad fuq ir-rota motorizzata u li fiha kull ħolqa għandha paletta traż-versali tal-metall, li tista' tkun mgħottija bi strippa tal-lastku għall-protezzjoni tal-wiċċ tat-triq.

(13) “magna fis-servizz” tfisser magna mħaddma f'vettura agrikola u forestali fil-kundizzjonijiet u l-piżijiet tat-tagħbija normali ta' tħaddim tagħha, u li tintuża biex isiru t-testijiet ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1628;

(14) “potenza netta massima” tfisser l-ogħla valur tal-potenza netta fuq il-kurva nominali tal-potenza b'tagħbija sħiħa għat-tip ta' magna;

(15) “data tal-produzzjoni tal-magna” tfisser id-data, mogħtija bħala x-xahar u s-sena, meta l-magna tgħaddi mill-verifika finali, wara li tkun ħalliet il-linja tal-produzzjoni, u tkun lesta biex tiġi konsenjata jew issir disponibbli għall-konsenja;

(16) “data tal-produzzjoni tal-vettura” tfisser ix-xahar u s-sena li fih vettura agrikola u forestali tgħaddi mill-verifika finali wara li tkun ħalliet il-linja tal-produzzjoni u li huma indikati fuq il-marka statutorja ta' dik il-vettura;

(17) “utent finali” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, għajr il-manifattur, il-manifattur tal-vettura, l-importatur jew id-distributur, li hija responsabbli mit-tħaddim tal-magna installata f'vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija;

▼B

(18) “riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost” jew “EGR” tfisser mezz tekniku li hija parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet u li tnaqqas l-emissjonijiet billi tidderieġi l-gassijiet tal-egżost li jkunu ħarġu mill-kompartiment(kompartimenti) tal-kombustjoni lura fil-magna sabiex jitħalltu mal-arja li tidħol qabel jew waqt il-kombustjoni, ħlief għall-użu ta' valve timing sabiex jiżdied l-ammont ta' gass tal-egżost residwu fil-kamra(kmamar) tal-kombustjoni li jitħallat mal-arja li tidħol qabel jew waqt il-kombustjoni;

(19) “tbagħbis” tfisser diżattivazzjoni, aġġustament jew modifika tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, inkluż kwalunkwe software jew element loġiku ieħor ta' kontroll ta' tali sistema, li jkollu l-effett, intenzjonat jew le, li jdgħajjef il-prestazzjoni tal-magna fir-rigward tal-emissjonijiet;

(20) “tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser komponent, sistema jew unità teknika separata li jkunu parti mis-sistema għall-posttrattament tal-emissjonijiet tal-egżost

(21) “dħul inizjali fis-servizz” tfisser:

(a) meta r-reġistrazzjoni ta' vetturi agrikoli jew tal-foresti tkun obbligatorja, l-ewwel reġistrazzjoni fi Stat Membru;

(b) meta r-reġistrazzjoni ta' vetturi agrikoli jew forestali tkun obbligatorja biss għaċ-ċirkolazzjoni fit-toroq jew mhijiex obbligatorja fi Stat Membru, it-tqegħid fis-suq.

KAPITOLU II

REKWIŻITI SOSTANTIVI

Artikolu 3

Emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu

Il-manifattur għandu jiżgura li t-tagħmir ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-magni installati fuqhom ikunu ddisinjati, mibnija u mmuntati b'tali mod li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-kategoriji ta' magni NRE jew NRS stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1628 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati bis-saħħa tiegħu, bl-adattamenti stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament; ir-rekwiżiti speċifiċi stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu wkoll irrispettati.

Alternattivament, il-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-magni installati fuqhom jistgħu jkunu ddisinjati, mibnija u mmuntati b'tali mod li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-kategorija ta' magni ATS stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1628 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati bis-saħħa tiegħu, bl-adattamenti stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, meta tali vetturi jkunu mgħammra b'magna SI u jissodisfaw waħda iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) Ikunu mgħammra b'sarġ u manubriju;

(b) ikunu mgħammra bi stering u b'sits f'forma ta' bank jew b'sits individwali f'ringiela waħda jew aktar u jilħqu veloċità massima ddisinjata ta' iktar minn jew ugwali għal 25 km/h.

Ir-rekwiżiti speċifiċi stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu rrispettati wkoll.

Artikolu 4

Livelli tal-ħoss estern

Sabiex jiġi ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, il-manifattur għandu jiżgura li l-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom li jistgħu jaffettwaw il-livelli tal-ħoss estern tal-vettura jiġu ddisinjati, mibnija u armati, u li l-livelli tal-ħoss estern tagħhom jiġu mkejla sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 5

Prestazzjoni tal-propulsjoni

Għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-unità tal-propulsjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, għandu jittieħed kejl tal-potenza netta, tat-torque tal-magna u tal-konsum speċifiku tal-fjuwil mill-manifattur skont il-paragrafu 5 tar-Regolament tan-NU/KEE Nru 120, is-serje 01 ta' emendi. Matul il-kejl, il-preżenza tal-awtorità li tagħti l-approvazzjoni jew ir-rappreżentanti tas-servizz tekniku mhijiex meħtieġa.

Minflok iwettaq il-kejl stabbilit fl-ewwel paragrafu, il-manifattur tal-vettura jew tal-magna jista' jattesta l-konformità mar-rekwiżiti tal-ewwel paragrafu billi jippreżenta, lill-awtorità tal-approvazzjoni, approvazzjoni maħruġa skont ir-Regolament tan-NU/KEE Nru 120, is-serje 01 ta' emendi.

KAPITOLU III

PROĊEDURI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

Artikolu 6

Approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura agrikola u forestali fir-rigward tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu

1. Approvazzjoni tat-tip tal-UE skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 għandha tingħata biss lil vettura agrikola u forestali, meta din tikkonforma mar-rekwiżiti dwar l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu stipulati fir-Regolament (UE) 2016/1628 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati bis-saħħa tiegħu bl-adattamenti stipulati fil-Parti 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament; ir-rekwiżiti speċifiċi stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu wkoll irrispettati.

▼B

2. Minbarra r-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/504 ([1]), applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' vettura għall-agrikoltura u għall-forestrija b'tip jew familja ta' magni approvat għandha tkun akkumpanjata minn kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE jew ċertifikat tal-approvazzjoni maħruġ skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament għat-tip ta' magna jew għall-familja ta' magni u, jekk applikabbli, għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jkunu installati fuq il-vetturi agrikola u forestali.

3. Minbarra r-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/504, applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' vettura agrikola u forestali mingħajr tip jew familja ta' magni approvati għandha tkun akkumpanjata minn dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew tip ta' vettura fir-rigward ta') installazzjoni ta' sistema ta' magni jew ta' familja ta' magni skont l-Appendiċi 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/504 u dokument ta' informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' magna, familja ta' magni bħala komponent jew unità teknika separata skont l-Appendiċi 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/504.

Għall-finijiet ta' din l-applikazzjoni, il-manifattur għandu jressaq quddiem is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, magna ta' vettura agrikola u forestali li tikkonforma mal-karatteristiċi tat-tip ta' magna jew, fejn applikabbli, tal-magna referenzjarja.

Artikolu 7

Approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' magna jew ta' familja ta' magni fir-rigward tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu

Approvazzjoni tat-tip tal-UE skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 għandha tingħata biss għal tip ta' magna jew familja ta' magni jekk tikkonforma mar-rekwiżiti dwar l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu stipulati fir-Regolament (UE) 2016/1628 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati bis-saħħa tiegħu bl-adattamenti stipulati fil-Parti 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament; ir-rekwiżiti speċifiċi stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu wkoll irrispettati. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip għandha tkun akkumpanjata mill-folder tal-informazzjoni skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/504.

Artikolu 8

Approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura agrikola u forestali fir-rigward tal-livelli ta' ħoss estern

1. Approvazzjoni tat-tip tal-UE skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 għandha tingħata biss għal vettura agrikola u forestali meta din tikkonforma mar-rekwiżiti fir-rigward tal-livelli tal-ħoss estern stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 u fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/504 tal-11 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 85, 28.3.2015, p. 1).

▼B

2. Is-servizzi tekniċi għandhom ikejlu l-livell tal-ħoss estern tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija tal-kategorija T mgħammra b'tajers pnewmatiċi u tal-kategorija C mgħammra b'ċineg forma ta' ċinturin, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip, skont il-kundizzjonijiet u l-metodi tat-test stabbiliti fil-punt 1.3.1 tal-Anness II.

3. Is-servizzi tekniċi għandhom ikejlu l-livell tal-ħoss estern tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija wieqfa tal-kategoriji T u C mgħammra b'ċineg forma ta' ċinturin, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip, skont il-kundizzjonijiet u l-metodi tat-test stabbiliti fil-punt 1.3.2 tal-Anness II. Għandhom jirreġistraw ir-riżultati b'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt 1.3.2.4 tal-Anness II.

4. Is-servizzi tekniċi għandhom ikejlu l-livell tal-ħoss estern tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija tal-kategorija C mgħammra b'ċineg forma ta' ċinturin, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip, skont il-kundizzjonijiet u l-metodi tat-test stazzjonarju stabbiliti fil-punt 1.3.2 tal-Anness II.

5. Is-servizzi tekniċi għandhom ikejlu l-livell tal-ħoss estern tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija tal-kategorija C mgħammra b'ċineg forma ta' ċinturin huma u mexjin, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip, skont il-kundizzjonijiet u l-metodi tat-test stabbiliti fil-punt 1.3.3 tal-Anness II. Għandhom jirreġistraw ir-riżultati.

6. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip għandha tkun akkumpanjata mill-folder tal-informazzjoni skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/504.

Artikolu 9

Estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

L-approvazzjoni tat-tip tal-UE rigward ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu u tal-livell ta' ħoss estern tista' tiġi estiża mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għal varjanti tal-vetturi, verżjonijiet u tipi u familji differenti ta' magni, diment li l-parametri ta' dawk il-varjanti tal-vetturi, il-verżjonijiet, it-tipi u l-familji ta' magni differenti jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu u r-rekwiżiti tal-livelli tal-ħoss estern stabbiliti fl-Artikolu 19(3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013.

Artikolu 10

Bidliet sussegwenti li jaffettwaw il-prestazzjoni ambjentali u tal-propulsjoni

Il-manifattur għandu jinnotifika lill-awtorità tal-approvazzjoni mingħajr dewmien kull modifika lis-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li tista' taffettwa l-prestazzjoni ambjentali u tal-unità tal-propulsjoni għall-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija tat-tip approvat imqiegħed fis-suq skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013.

In-notifika msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tinkludi dawn li ġejjin:

▼B

(a) evidenza li l-bidliet imsemmija fl-ewwel paragrafu ma jiddeterjorawx il-prestazzjoni ambjentali ta' vettura f'relazzjoni mal-prestazzjoni ambjentali muri waqt l-approvazzjoni tat-tip.

(b) deskrizzjoni tat-tip ta' magni jew tal-familja ta' magni, inkluża s-sistema ta' posttrattament tal-egżost, skont l-Artikolu 11 u l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656 ([1]);

(c) informazzjoni skont l-Appendiċi 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/504.

KAPITOLU IV

EKWIVALENZA

Artikolu 11

Ekwivalenza tal-approvazzjonijiet tat-tip alternattivi

1. L-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE u l-marki statutorji korrispondenti ta' tipi ta' magni jew familji ta' magni mogħtija fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2016/1628 għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-approvazzjonijiet tat-tip u l-marki tal-approvazzjoni mogħtija għal magni skont dan ir-Regolament.

2. Dikjarazzjoni ta' konformità mogħtija fuq il-bażi tal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2016/1628 għandha tiġi aċċettata mill-awtoritajiet nazzjonali għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, skont dan ir-Regolament, ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni b'dik id-dikjarazzjoni ta' konformità.

3. L-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija għal magni u l-marki statutorji korrispondenti li jkunu f'konformità mar-regolamenti tan-NU/KEE msemmija fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2016/1628 kif ukoll l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija għal magni fuq il-bażi tal-atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 42(3) ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija b'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-marki statutorji korrispondenti meħtieġa skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/504 bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti tal-Anness XIII tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654 ([2]) huma ssodisfati.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 102, 13.4.2017, p. 364).

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/654 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi u ġenerali relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq (ĠU L 102, 13.4.2017, p. 1).

▼B

KAPITOLU V

AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR IT-TISWIJA U L-MANUTENZJONI TAL-VETTURI

Artikolu 12

Obbligu tal-manifatturi tal-magni

Sabiex jitwettqu l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 53 sa 56 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 u l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 ([1]), meta l-manifattur ta' vettura agrikola jew forestali ma jkunx il-manifattur tal-magna, il-manifattur tal-magna għandu jagħmel disponibbli lill-manifattur tal-vettura l-informazzjoni meħtieġa biex jissodisfa dawk l-obbligi.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Mill-21 ta' Lulju 2018

(a) l-awtoritajiet ta' approvazzjoni ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ġdid ta' magni jew familja ġdida ta' magni meta dak it-tip ta' magni jew familja ta' magni jkunu konformi mal-Artikoli 3, 5 u 7;

(b) l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ġdid ta' vetturi meta dak it-tip ta' vetturi jikkonforma mal-Artikoli 3 sa 6 u l-Artikolu 8;

(c) l-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' magni li jikkonformaw mal-Artikoli 3, 5 u 7 jew mal-Artikolu 11 u t-tqegħid fis-suq, il-bejgħ, ir-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija li jikkonformaw mal-Artikoli 3 sa 6 u l-Artikolu 8.

2. Sakemm id-data mandatorja tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-kategorija ta' magni kkonċernata, kif stabbilit fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom ikomplu jagħtu approvazzjonijiet tat-tip tal-UE u eżenzjonijiet lil tipi ta' vetturi jew tipi ta' magni u familji ta' magni għall-agrikoltura u għall-forestrija skont ir-Regolament (UE) 2015/96, fil-verżjoni tiegħu applikabbli nhar fl-20 ta' Lulju 2018.

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 tad-19 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta u jemenda r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-bini tal-vetturi u tar-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 364, 18.12.2014, p. 1).

▼B

3. Mid-dati obbligatorji tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq tal-kategorija ta' magni kkonċernata, kif stipulat fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri ma għandhomx jippermettu iktar it-tqegħid fis-suq, il-bejgħ, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi jew it-tqegħid fis-suq, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' magni approvati għat-tip fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2015/96.

Sa dawn id-dati, l-Istati Membri jistgħu jippermettu t-tqegħid fis-suq, il-bejgħ, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi jew it-tqegħid fis-suq, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' magni skont ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament Delegat r-Regolament (UE) 2015/96. L-iskema ta' flessibbiltà prevista fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament Delegat għandu japplika biss għal vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni approvati skont ir-rekwiżiti tal-istadju tal-limiti tal-emissjonijiet li jippreċedi immedjatament dak applikabbli.

4. Il-magni li ma kinux soġġetti għal approvazzjoni tat-tip relatata mal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/96 nhar fl-20 ta' Lulju 2018 jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq, jiġu mibjugħa jew jidħlu fis-servizz sad-data obbligatorja tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1628 f'dak li jirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' magna tal-kategorija kkonċernata, kif stabbilit fl-Anness III għal dak ir-Regolament, fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali fis-seħħ.

Vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija approvati għat-tip skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u mgħammra b'dawk il-magni jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq, jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jidħlu fis-servizz sal-istess dati.

5. Il-magni ta' tranżizzjoni jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq, jiġu mibjugħa jew jidħlu fis-servizz matul l-24 xahar wara d-data obbligatorja tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1628 f'dak li jirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-kategorija ta' magni kkonċernata, kif stabbilit fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.

Vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni ta' tranżizzjoni jistgħu jitqiegħdu fis-suq, jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz matul l-24 xahar wara d-data obbligatorja tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1628 f'dak li jirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-kategorija ta' magni kkonċernata, kif stabbilit fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, dment li dawk il-vetturi jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollhom data tal-produzzjoni qabel 18-il xahar wara d-data obbligatorja tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1628 f'dak li jirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-kategorija ta' magni kkonċernata, kif stabbilit fl-Anness III ta' dak ir-Regolament;

(b) ikunu mmarkati skont ir-rekwiżiti tal-punt 2.1 tal-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

▼B

►M1 Għall-magni tas-subkategoriji tal-kategorija NRE li għalihom id-data obbligatorja ta' applikazzjoni stabbilita fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq hija l-1 ta' Jannar 2020, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-estensjoni bi 12-il xahar ieħor tal-perjodu ta' 24 xahar u tal-perjodu ta' 18-il xahar imsemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, għall-manifatturi tal-vetturi bi produzzjoni annwali totali ta' inqas minn 100 unità ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magna. ◄ Għall-finijiet tal-kalkolu ta' dik il-produzzjoni annwali totali, il-manifatturi kollha tal-vetturi taħt il-kontroll tal-istess persuna fiżika jew ġuridika għandhom jitqiesu bħala manifattur tal-vetturi wieħed.

▼M1

Għall-magni tas-subkategoriji kollha li għalihom id-data obbligatorja ta' applikazzjoni stabbilità fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq hija l-1 ta' Jannar 2019, il-perjodu ta' 24 xahar u l-perjodu ta' 18-il xahar imsemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom jiġu estiżi bi 12-il xahar.

▼B

6. Għall-finijiet tat-tqegħid fis-suq ta' magni ta' sostituzzjoni għal vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija skont il-paragrafi 10 u 11 tal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2016/1628, il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-magni ta' sostituzzjoni jikkonformaw mal-marka msemmija fil-punt 6 tal-Anness XX tar-Regolament (UE) 2015/208 ([1]), l-Artikolu 32(2)(e) tar-Regolament (UE) 2016/1628 u l-punti 1 u 5.4 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2015/504.

Artikolu 14

Eżenzjonijiet

1. Bil-kunsens tal-manifattur tal-vettura, manifattur tal-magni jista' jagħti lil dak il-manifattur tal-vettura, magna separatament mis-sistema ta' posttrattament tal-egżost tagħha b'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/654.

2. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid temporanju fis-suq, għall-finijiet tal-ittestjar fuq il-post skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654, ta' magni li ma kellhomx it-tip approvat tal-UE b'konformità mal-Artikoli 3, 5 u 7 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Revoka

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/96 huwa b'dan revokat.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/208 tat-8 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti ta' sikurezza funzjonali tal-vetturi għall-approvazzjoni ta' vetturi għall-agrikoltura u l-forestrija (ĠU L 42, 17.2.2015, p. 1).

▼B

ANNESS I

Rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu

PARTI 1

Adattament għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1628

1. Għall-finijiet tal-għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, għal vettura agrikola u forestali jew għal tip ta' magna jew ta' familja ta' magni bħala komponent, l-adattamenti li ġejjin tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/1628 applikabbli skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 għandhom jiġu kkunsidrati:

1.1. Ir-referenzi għal "makkinarju mobbli mhux tat-triq" fir-Regolament (UE) 2016/1628 għandhom jinqraw bħala referenzi għal "vettura għall-agrikoltura u għall-forestrija".

1.2. Ir-referenzi għall-"fabbrikant ta' tagħmir oriġinali" jew "OEM" fir-Regolament (UE) 2016/1628 għandhom jinqraw bħala referenzi għall-"manifattur tal-vettura".

1.3. Id-dati tal-applikazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-magni msemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/1628 għandhom jinqraw bħala dati ta' applikazzjoni għad-dħul inizjali fis-servizz tal-magni u tal-vetturi.

1.4. Id-dati għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni, jew, fejn applikabbli, id-dati għall-approvazzjoni tat-tip għal tip ta' magna jew familja ta' magni stabbilita fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/1628 għandhom jinqraw bħala dati għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura jew, fejn applikabbli, tip ta' magna jew familja ta' magni.

2. Il-manifatturi tal-magni għandhom jużaw il-parametri stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament (UE) 2017/656 meta jiddefinixxu t-tipi ta' magni u l-familji ta' magni, u l-modalitajiet tat-tħaddim tagħhom.

PARTI 2

Rekwiżiti speċifiċi

1. Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1322/2014, il-konformità tal-produzzjoni tal-magni għandha tiġi ċċekkjata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/1628 u tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/654.

2. Immarkar

2.1. Il-magna għandu jkollha fuqha l-marka statutorja skont l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2015/504.

3. Monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-magni fis-servizz

▼B

3.1. Il-manifatturi tal-magni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-magni fis-servizz stabbiliti fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1628 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2017/655 ([1]).

4. L-installazzjoni tal-magna fil-vettura

4.1. Il-magna installata f'vettura agrikola u forestali għandu jkollha l-istess prestazzjoni rigward l-emissjonijiet ta' inkwinanti bħalma kellha fl-approvazzjoni tat-tip.

4.2. L-installazzjoni ta' magna f'vettura agrikola u forestali għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-istruzzjonijiet li l-manifattur tal-magna għandu jipprovdi lill-manifattur tal-vettura, kif stipulat fil-punt 4.3.

4.3. Il-manifattur tal-magna għandu jipprovdi lill-manifattur tal-vettura bl-informazzjoni u l-istruzzjonijiet kollha biex ikun żgurat li l-magna tikkonforma mat-tip ta' magna approvata meta tiġi installata fil-vettura. L-istruzzjonijiet għal dan l-iskop għandhom jiġu identifikati b'mod ċar lill-manifattur tal-vettura b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament (UE) 2016/1628 u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2017/654.

5. Il-manifattur tal-magna għandu jagħmel disponibbli għall-manifattur tal-vettura l-informazzjoni kollha rilevanti u l-istruzzjonijiet meħtieġa intenzjonati għall-utent finali, kif stabbiliti fl-Artikolu 43(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2016/1628 u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/654.

6. Prevenzjoni tat-tbagħbis

6.1. Il-manifatturi tal-magni għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dettalji tekniċi stabbiliti fl-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/656 għall-prevenzjoni tat-tbagħbis.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/655 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi mill-magni b'kombustjoni interna fis-servizz installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq (ĠU L 102, 13.4.2017, p. 334).

▼B

ANNESS II

Rekwiżiti għall-emissjonijiet tal-ħoss estern

1. Livelli permissibbli tal-ħoss estern.

1.1. Is-sistema tal-istrumentazzjoni, inklużi l-mikrofoni, il-kejbils u l-windskrin, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għal strument tal-Klassi 1 stabbiliti f'IEC 61672-1:2013. Il-filtri għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għal strument tal-Klassi 1 mogħtija f'IEC 61260:1995.

1.2. Il-kundizzjonijiet tal-kejl

1.2.1. Il-kejl għandu jsir fuq vetturi agrikoli u forestali mhux mgħobbija f'kundizzjoni li jistgħu jitħaddmu f'żona miftuħa u kwieta biżżejjed (il-ħsejjes tal-madwar u l-ħoss tar-riħ għandhom ikunu mill-inqas 10 dB (A) taħt il-livell tal-ħoss estern li jkun qiegħed jitkejjel).

1.2.2. Din iż-żona tista' tkun f'għamla ta', pereżempju, spazju miftuħ b'raġġ ta' 50 metru li jkollu parti ċentrali b'raġġ ta' mill-anqas 20 metru li jkun prattikament livell; l-ispazju jista' jkun miksi bil-konkrit, bl-asfalt jew b'materjal simili u ma jistax ikun kopert b'borra għamla ta' trab, ħaxix twil, ħamrija mhux kompatta jew irmied.

1.2.3. Il-wiċċ tal-mogħdija tat-test għandu jkun tali li ma jikkawżax ħoss eċċessiv tat-tajers. Din il-kundizzjoni tapplika biss għall-kejl tal-ħoss estern magħmul minn vetturi agrikoli u forestali waqt li jkunu qed jiċċaqilqu.

1.2.4. Il-kejl għandu jsir f'temp tajjeb bi ftit riħ. L-ebda persuna apparti l-osservatur li jkun qiegħed jieħu l-kejl bl-apparat ma tista' tibqa' qrib il-vettura agrikola u forestali jew il-mikrofonu, peress li l-preżenza tal-ispettaturi qrib il-vettura agrikola u forestali jew qrib il-mikrofonu tista' taffettwa b'mod konsiderevoli r-riżultati tal-kejl bl-apparat. Tlugħ u nżul notevoli tal-indikatur li jidhru li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-karatteristiċi tal-livell tal-ħoss ġenerali għandhom jiġu injorati fit-teħid tal-kejl.

1.3. Metodu ta' kejl

1.3.1. Il-kejl tal-livell tal-ħoss estern ta' vetturi agrikoli u forestali waqt li jkunu qed jiċċaqilqu

1.3.1.1. Għandu jsir kejl mill-inqas darbtejn fuq kull naħa tal-vettura agrikola u forestali. Il-kejlijiet preliminari jistgħu jittieħdu għal finijiet ta' aġġustament, iżda ma għandhomx jitqiesu.

1.3.1.2. Il-mikrofonu għandu jkun 1,2 metri 'l fuq mil-livell tal-art f'distanza ta' 7,5 metri 'l bogħod mill-mogħdija tal-linja ċentrali tal-vettura agrikola u forestali, CC, imkejla tul il-linja perpendikulari PP′ ta' dik il-linja (il-Figura 1).

▼B

1.3.1.3. Żewġ linji AA′ u BB′, parallelli mal-linja PP′ u li jinsabu rispettivament 10 metri 'l quddiem u 10 metri lura mil-linja, għandhom jiġu mmarkati fil-mogħdija tat-test. Il-vetturi agrikoli u forestali għandhom javviċinaw il-linja AA′ b'veloċità kostanti, kif speċifikat hawn taħt. L-aċċelleratur għandu mbagħad jingħafas kompletament kemm jista' jkun malajr u jinżamm hekk sa mal-parti ta' wara tal-vettura agrikola u forestali tkun qasmet il-linja BB′; l-aċċelleratur għandu mbagħad jiġi rilaxxat malajr kemm jista' jkun. Jekk il-vettura agrikola jew forestali tkun imqabbda ma' karru, dan ma għandux jitqies fid-determinazzjoni ta' meta tinqasam il-linja BB′.

1.3.1.4. Il-livell massimu tal-ħoss irrekordjat għandu jikkostitwixxi r-riżultat tal-kejl.

Figura 1



1.3.1.5. Il-veloċità kostanti qabel ma tibda tintlaħaq il-linja AA′ għandha tkun tliet kwarti tal-veloċità massima skont id-disinn (v_{max}) kif iddikjarata mill-manifattur u li tista' tinkiseb fl-ogħla gear użat għall-moviment fit-triq.”;

▼B

1.3.1.6. Interpretazzjoni tar-riżultati

1.3.1.6.1. Sabiex jitqiesu l-ineżattezzi fl-istrumenti tal-kejl, ir-riżultat miksub minn kull kejl għandu jiġi ddeterminat billi jitnaqqas 1 dB(A) mir-riżultat tal-istrument tal-kejl.

1.3.1.6.2. Il-kejl għandu jitqies validu jekk id-differenza bejn iż-żewġ kejliet konsekuttivi fuq l-istess naħa tal-vettura agrikola u forestali ma tkunx teċċedi 2 dB(A).

1.3.1.6.3. L-ogħla livell tal-ħoss imkejjel għandu jikkostitwixxi r-riżultat tat-test. Jekk ir-riżultat jaqbeż il-livell massimu permissibbli tal-ħoss għall-kategorija tal-vettura agrikola u forestali ttestjata b'tal-anqas 1 dB(A), għandhom jittieħdu żewġ kejliet oħra. Tlieta minn dawn l-erba' kejliet għandhom jaqgħu fil-limiti preskritti.

1.3.2. Kejl tal-ħoss estern ta' vetturi agrikoli u forestali wieqfa

1.3.2.1. Il-pożizzjoni tal-istrument tal-kejl tal-livell tal-ħoss

Il-kejl għandu jsir fil-punt X (il-Figura 2), f'distanza ta' seba' (7) metri mill-eqreb wiċċ għall-vettura agrikola u forestali. Il-mikrofonu għandu jitqiegħed 1,2 metru 'l fuq mil-livell tal-art.

1.3.2.2. In-numru ta' kejliet: Mill-anqas għandhom isiru żewġ kejliet.

1.3.2.3. Kundizzjonijiet tat-test għall-vetturi agrikoli u forestali

1.3.2.3.1. Il-magna tal-vettura agrikola u forestali li ma jkollhiex regolatur tal-veloċità għandha tinstaq għal tliet kwarti tal-veloċità rpm li, skont il-manifattur tal-vettura agrikola u forestali, fiha tiżviluppa potenza netta massima tagħha. Il-veloċità tal-magna f'rpm għandha titkejjel permezz ta' strument indipendenti, eż. bank tar-rombli u takometru. Jekk il-magna tkun mgħammra b'regolatur li ma jħallix lill-magna teċċedi l-veloċità li fiha tiżviluppa l-potenza massima tagħha, din għandha titħaddem bil-veloċità massima permessa mir-regolatur.

1.3.2.3.2. Qabel ma jittieħed il-kejl, il-magna għandha tinġieb għat-temperatura li fiha taħdem normalment.

1.3.2.4. Interpretazzjoni tar-riżultati

1.3.2.4.1. Il-kejliet kollha rrekordjati tal-livell tal-ħoss estern għandhom jingħataw fir-rapport. Il-veloċità tal-magna għandha tiġi rrekordjata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8. L-istat tat-tagħbija tal-vettura agrikola u forestali għandu jiġi rreġistrat ukoll.

1.3.2.4.2. Il-kejl għandu jitqies validu jekk id-differenza bejn iż-żewġ kejliet konsekuttivi fuq l-istess naħa tal-vettura agrikola u forestali ma tkunx teċċedi 2 dB(A).

▼B

1.3.2.4.3. Il-figura massima rrekordjata għandha tikkostitwixxi r-riżultat tal-kejl.

1.3.3. Id-dispożizzjonijiet għall-ittestjar tal-ħoss estern għall-vetturi tal-kategorija C biċ-ċineg forma ta' ktajjen waqt iċ-ċaqliq

Għall-vetturi agrikoli u forestali tal-kategorija C mgħammra b'ċineg forma ta' ktajjen, il-ħoss waqt iċ-ċaqliq għandu jitkejjel b'vetturi mhux mgħobbija f'kundizzjoni li jistgħu jitħaddmu b'veloċità kostanti ta' 5 km/h (+/– 0,5 km/h), bil-magna fil-veloċità nominali fuq saff ramel umdu kif speċifikat fil-paragrafu 5.3.2 ta' ISO 6395:2008. Il-mikrofonu għandu jitqiegħed skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 1.3.1. Il-valur tal-ħoss imkejjel għandu jiġi rrekordjat fir-rapport tat-test.

2. Sistema tal-egżost (Silenzjatur)

2.1. Jekk il-vettura agrikola u forestali tkun mgħammra b'tagħmir iddisinjat biex inaqqas il-ħoss tal-egżost (silenzjatur), għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' din it-taqsima. Jekk il-bokka tal-magna tkun mgħammra b'filtru tal-arja li jkun meħtieġ sabiex jassigura l-konformità mal-livell tal-ħoss permissibbli, il-filtru għandu jitqies parti mis-silenzjatur, u r-rekwiżiti ta' dan il-punt 2 għandhom japplikaw ukoll għal dak il-filtru.

Il-pajp tal-egżost għandu jkun f'tali mod li l-gassijiet tal-egżost ma jkunux jistgħu jidħlu fil-kabina.

Figura 2

Pożizzjonijiet tal-kejl għal vetturi agrikoli u forestali wieqfa



2.2. Disinn tas-sistema tal-egżost għandu jkun anness maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura agrikola u forestali.

2.3. Is-silenzjatur għandu jkun immarkat b'referenza għall-għamla u t-tip tiegħu u din għandha tkun tista' tinqara faċilment u ma tkunx tista' titħassar.

▼B

2.4. L-użu ta' materjal fibruż assorbenti huwa permissibbli fil-binja tas-silenzjatur biss jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

2.4.1. il-materjal fibruż assorbenti ma jistax jitqiegħed f'dawk il-partijiet tas-silenzjatur li minnhom jgħaddi l-gass;

2.4.2. apparat adattat għandu jassigura li l-materjal fibruż assorbenti jinżamm f'postu l-ħin kollu li dak is-silenzjatur ikun qed jintuża;

2.4.3. il-materjal fibruż assorbenti għandu jkun reżistenti għal temperatura ta' mill-anqas 20 % ogħla mit-temperatura operattiva (gradi C) li jista' jkun hemm fir-reġjun tas-silenzjatur fejn ikunu jinsabu dawk il-materjali fibrużi assorbenti.